# STATUT TAL-MOVIMENT GRAFFITTI

1**. Isem, Arma u Bandiera**: L-isem tal-Moviment hu MOVIMENT GRAFFITTI. L-arma turi l-isem MOVIMENT GRAFFITTI bl-iswed bi stilla ħamra fuq l-'I' ta' MOVIMENT.

2. **Għanijiet u Skop**: Il-Moviment Graffitti huwa attiv kontra l-oppressjoni u l-isfruttament tan-nies, tal-ambjent u tal-annimali; b'viżjoni ta' ħelsien u demokrazija radikali. Il-Moviment Graffitti huwa moviment xellugi, u huwa awtonomu minn kull forza ekonomika jew partit politiku. Madanakollu jista' jagħmel alleanzi kif jidhirlu. Fil-Moviment Graffitti ma jeżistux mexxejja, u l-membri huma kollha voluntiera. Il-Moviment Graffitti ma jħaddan ebda skop ta' profitt.

3. **Sħubija**: Sabiex persuna ssir membru trid tħallas miżata ta' €10 fis-sena. Kull persuna li taqbel mal-għanijiet tal-Moviment Graffitti hija eleġibbli għal sħubija. Sabiex persuna ssir "Membru Attiv" – jiġifieri membru bi dritt tal-vot - trid tkun attendiet mill-inqas tliet attivitajiet tal-Moviment Graffitti fi żmien xahrejn, kienet attiva f'tal-inqas f'wieħed mill-gruppi ta ħidma, u tkun uriet impenn lejn il-ħidma tal-organizzazzjoni. Membri Attivi ġodda jridu jkunu nominati minn xi ħadd mill-Membri Attivi preżenti, liema applikazzjoni hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-Membri Attivi preżenti għal-laqgħa. Membri Attivi ġodda jkunu gwidati minn membri li jkunu diġà attivi fil-Moviment u dawn għandhom jiżguraw li l-Membri Attivi ġodda jifhmu sew u jkunu inklużi fil-ħidma tal-għaqda. Membri Attivi jkollhom aċċess għall-gruppi online fejn jiġu diskussi kwistjonijiet interni tal-Moviment Graffitti. Id-deċiżjoni jekk Membri Attivi għandhomx jibqgħu jitqiesu bħala tali hija għad-diskrezzjoni tal-Membri Attivi preżenti waqt il-laqgħa.

4. **Deċiżjonijiet**: Id-deċiżjonijiet fil-Moviment Graffitti jittieħdu b'konsensus, u għandu jkun hemm motivazzjoni u ħidma biex jintlaħaq konsensus. Meta ma jintlaħaqx konsensus, id-deċiżjonijiet fi ħdan il-Moviment jittieħdu b'maġġoranza sempliċi, li tfisser li jkun hemm iktar voti favur milli kontra fost il-Membri Attivi preżenti. L-astenzjonijiet ma jiġux ikkalkulati, iżda jekk ikun hemm maġġoranza ta' astenzjonijiet tittieħed votazzjoni jekk id-diskussjoni għandhiex titkompla.

5. **Drittijiet tal-Minoranzi**: F'każ li hemm minoranza ta' membri li ma taqbilx ma' deċiżjoni tal-Moviment Graffitti, din il-minoranza għandha d-dritt li ssemma' leħinha fil-pubbliku dwar l-opinjoni tagħha b'mod personali u li ma tipparteċipax f'dak li ġie deċiż mill-maġġoranza.

MOVIMENT GRAFFITTI

6. **Tmexxija:** Il-laqgħa tal-membri hija responsabbli mit-tmexxija tal-Moviment Graffitti bejn laqgħa ġenerali u oħra. F'din il-laqgħa, li għandha ssir madwar darba kull ġimagħtejn, jew skont il-ħtieġa, jittieħdu deċiżjonijiet politiċi, amministrattivi, ideoloġiji u strateġiċi fost oħrajn. F'din il-laqgħa jistgħu jinqraw il-minuti tal-aħħar laqgħa u jsiru wkoll rapporti ta' korrispondenza, stqarrijiet, kitbiet u xandir li dehru fil-media, u perjodikament ikun hemm rendikont finanzjarju. Il-laqgħa tiġi faċilitata minn persuna li tiġi maħtura għal dan l-għan f'kull laqgħa, u 'Segretarju/a' jieħdu l-minuti. Fil-laqgħa tal-membri għandhom dritt jattendu kemm Membri Attivi kif ukoll membri u nies interessati. Madanakollu jistgħu jivvutaw biss Membri Attivi. F'każ ta' diskussjoni dwar temi kunfidenzjali, nies li mhumiex Membri Attivi jistgħu jiġu mitluba joħorġu mil-laqgħa. Dawk kollha preżenti jistgħu jipproponu temi għad-diskussjoni fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-membri.

7. **Attiviżmu**: Il-Moviment Graffitti huwa attiv kemm permezz ta' azzjonijiet diretti non-vjolenti, dimostrazzjonijiet, kampanji u protesti, kif ukoll permezz ta' azzjonijiet ideoloġiċi bħal stqarrijiet, pubblikazzjonijiet, diskussjonijiet u attivitajiet kulturali. Il-membri tal-Moviment Graffitti għandhom id-dritt li jipproponu attivitajiet u d-dmir li jipparteċipaw fihom. F'każ li xi membri ma jaqblux ma' attivita', għandhom id-dritt li ma jattendux. F'każ ta' bżonn, fil-laqgħa tal-membri jiġi deċiż min għandu jiġi infurmat għall-attivitajiet. Fl-attivitajiet għandu jsir dak li jkun ġie deċiż waqt il-laqgħa tal-membri. Bejn laqgħa tal-membri u oħra, il-Moviment jista' jibgħat stqarrijiet iżda l-proċess għall-approvazzjoni tal-istqarrija għandu jkun demokratiku.

8. **Gruppi ta Ħidma**: Il-Moviment Graffitti jista' jaħtar gruppi ta' ħidma dwar temi, kampanji u attivitajiet partikolari. L-għan tal-gruppi ta' ħidma hu li jiffaċilitaw ix-xogħol u jkabbru l-attivita' tal-Moviment Graffitti. Il-gruppi ta' ħidma dejjem għandhom jirrapurtaw lill-Moviment Graffitti u r-rakomandazzjonijet tagħhom huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Moviment Graffitti. Il-gruppi ta' ħidma bl-ebda mod m'għandhom ikunu għaqdiet oħra fi ħdan il-Moviment Graffitti.

9. **Studenti MG** (magħrufa mal-bank bħala FUJC): Il-membri tal-Moviment Graffitti kollha li huma studenti jsiru awtomatikament membri ta' Studenti MG. Kull sena Studenti MG tappunta membri b'kariga. L-Istudenti MG trid tiltaqa' b'mod regolari. L-Istudenti MG għandha tirraporta lill-Moviment Graffitti, u d-deċizzjonijiet tagħha huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Moviment Graffitti. Studenti MG għandha l-kontijiet tagħha (li jinkludu kont bankarju), li huma parti mill-kontijiet ġenerali tal-Moviment Graffitti; jiġifieri bl-isem deżinjat "Moviment Graffitti a/c Fergħa Universita' u Junior College".

10. **Finanzi**: Il-Firmatarji għall-kontijiet kollha fil-bank u għat-transazzjonijiet bankarji tal-Moviment Graffitti huma t-teżorier/a.

11. **Rwoli**: Membri bi rwol bla ebda mod m'għandhom awtorita' iktar minn Membri Attivi oħrajn. Membri li juru interess li jkollhom rwol jistgħu jagħmlu x-xogħol relatat ma' dan l-irwol, bi qbil mal-Membri Attivi. L-irwoli jistgħu jinkludu fost oħrajn dawk ta' Faċilitatur/i; Segretarju/i; Uffiċjal/i tar-Relazzjonijiet Pubbliċi; Teżorier/a; Uffiċjal/i Sħubija; Editur/i u Pubblikatur/i. Għal kull rwol jista' jkun hemm iktar minn persuna waħda. L-irwoli jiġu deċiżi fil-laqgħa tal-membri. Membri bi rwol għandhom jaraw li membri bla rwol ma jiġux imċaħħda milli jipparteċipaw f'dak l-irwol. Membri bi rwol għandhom jaraw kif jaqsmu l-kapaċitajiet involuti fl-irwol tagħhom ma' membri interessati. Għal dan il-għan, jistgħu jiġu organizzati workshops.

12. **Il-Faċilitaturi**: Il-Faċilitaturi jifformulaw l-aġenda għal-laqgħa tal-membri fil-bidu tal-laqgħa. Dawk preżenti jistgħu jipproponu temi għall-aġenda. Il-Faċilitaturi jorganizzaw il-punti fl-aġenda skont l-importanza tagħhom, u jiżguraw li kull punt ma jiħux iktar ħin minn dak li jirrikjedi. Waqt il-laqgħa tal-membri, il-persuna li tkun inħatret bħala Faċilitatur tagħti permess lil dawk preżenti biex jitkellmu. Il-faċilitaturi jżommu l-ordni waqt il-laqgħa tal-membri u għalhekk għandhom l-awtorita' li jissospendu lil min mhux qed iġib ruħu sew.

13. **Laqgħa Ġenerali Annwali**: Il-Laqgħa Ġenerali Annwali hi l-ogħla awtorità tal-Moviment Graffitti, u ssir f'Jannar ta' kull sena. Il-membri kollha tal-Moviment Graffitti jridu jiġu avżati bil-Laqgħa sa ġimgħa qabel id-data tagħha. Fil-Laqgħa jinqraw u jiġu approvati r-rapporti tal-membri b'irwoli u tal-gruppi ta' ħidma. Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali persuni li ilhom membri tal-Moviment Graffitti għal tal-inqas sitt xhur, kif ukoll Membri Attivi, għandhom id-dritt li jipproponu tibdil fl-istatut, punti għad-diskussjoni u li jivvutaw. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi f'każ li ma jkunx hemm konsensus.

14. **Laqgħa Ġenerali Straordinarja**: Mill-inqas tliet membri attivi tal-Moviment Graffitti għandhom id-dritt li jitolbu bil-miktub, għal raġunijiet speċifiċi (per eżempju: tibdil fl-istatut), Laqgħa Ġenerali Straordinarja, u din għandha tissejjaħ fi żmien xahar jew inqas mit-talba tagħhom. Il-membri kollha tal-Moviment Graffitti jridu jiġu avżati bil-Laqgħa sa ġimgha qabel id-data tagħha. Ir-regoli dwar il-vot li japplikaw għal-Laqgha Ġenerali Annwali jgħoddu f'dan il-każ ukoll.

15. **Xoljiment**: Ix-xoljiment tal-Moviment Graffitti jista' jiġi deċiż biss mill-membri f'laqgħa apposta, fejn il-Membri Attivi kollha jkunu infurmati li ser issir l-istess laqgħa sa ġimgha qabel id-data tagħha. Biex il-Moviment jiġi xolt, iridu jaqblu 100% tal-membri preżenti. F'każ ta' xoljiment, il-fondi u l-propjetà tal-Moviment Graffitti jiġu trasferiti skont kif tiddeċiedi l-istess laqgħa. Il-fondi u l-propjetà tal-Moviment Graffitti għandhom jingħataw lil għaqda b'għanijiet simili għal dawk tal-Moviment. Il- Membri Attivi kollha għandhom id-dmir li jagħtu l-kontribut tagħhom f'kull proċess li jinvolvi x-xoljiment sakemm kollox ikun finalizzat uffiċjalment.

16. **Statut**: L-interpretazzjoni ta' dan l-istatut bejn laqgħa ġenerali u oħra hi tal-laqgħa tal-membri. Fejn ma jitkellimx l-istatut, id-deċiżjoni tal-membri attivi preżenti għal-laqgħa tal-membri tkun finali.

**Aġġornat f'Jannar tal-2021**